# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

ID-DISA’ LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 20**

L-Erbgħa 22 t’Ottubru 2025

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ‘Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġuże’ Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex’ nhar il-Erbgħa 22 t’Ottubru 2025 fis-6.00 ta’ filgħaxija.

### PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur John Farrugia – Kunsillier
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sur John Cassar - Kunsillier

### ASSENTI B’APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 20.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;

20.1.1 Minħabba li l-membri kollha tal-Kunsill kienu preżenti ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

### 20.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

20.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 19 ġew ċirkolati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

20.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

20.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Dawk preżenti kienu favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 20.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

20.3.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li saru b'suċċess l-attivitajiet fix-xahar t'Ottubru fosthom il-ħarġa kulturali ġewwa l-Birgu u t-tberik tal-annimali fi Pjazza tal-Knisja fil-Munxar.

20.3.2 Is-Sindku informa lill-membri li wara li l-Kunsill ġie infurmat li ġiet aċċettata l-applikazzjoni għall-fondi taħt l-iskema SPI/SCI/04/2025 Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2025, huwa attenda għall-konferenza stampa nhar il-Ġimgħa 17 t'Ottubru 2025 ġewwa l-Kalkara.

### 20.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

20.4.1 Il-Viċi Sindku Carmela Parnis ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar opri tal-baħar u karrijiet abbandunati u miksura fi Pjazza Anfori fix-Xlendi fuq in-naħa tal-*boathouses*. Is-Sindku wieġeb li ladarba dawn l-opri

jkollhom numru ta’ reġistrazzjoni ma jkunx hemm wisq xi jsir ħlief li ngħaddu dan l-ilment lill-Pulizija sabiex jintraċċaw lis-sidien u jkelmuhom huma. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

20.4.2 Il-Kunsillier Mark Busuttil staqsa dwar il-possibilta’ li ssir tindifa ġenerali fi Pjazza Anfori speċjalment mir-ramel li ngabar taħt il-bankini / *central strips* wara l-maltemp. Kien hemm qbil sabiex tintalab l-għajnuna tas-Sezzjoni tal-Indafa Pubblika u l-Manutenzjoni fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex u L-Ippjanar dwar dan.

20.4.3 Il-Kunsillier John Farrugia staqsa dwar ilment li kien ġie approvat f’laqgħa preċedenti sabiex titneħħa briksa li kienet impoġġija fi Triq Puniċi fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri li titneħħa immedjatament mill-ħaddiema tal-Kunsill Lokali.

20.4.4 Il-Kunsillier John Cassar talab l-intervent tal-Kunsill dwar grada fi Triq San Xmun fix-Xlendi li tista’ tkun ta’ periklu minħabba l-istat tagħha. Kien hemm qbil li l-Kunsill jieħu azzjoni. Huwa staqsa wkoll dwar plakka kommemorattiva li kienet fi Ġnien il-Professur Ġuże’ Aquilina biex terġa’ titpoġġa f’postha wara li saru x-xogħlijiet fl-inħawi. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

## 20.5 Proġetti u Inizjattivi fil-Lokalita’;

20.5.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-proġett ko-finanzjat b’fondi Ewropej tal-programm LEADER amministrat mill-Gozo Action Group Foundation miżura numru 4 : “Rejuvinating Gozo” ġie implimentat b’suċċess. L-amministrazzjoni tal-Kunsill issa għaddejja b’ħidma kontinwa wara li qed isir proċess ta’ verifika biex iseħħ ir-rimbors ta’ ftit aktar minn 80% tal-pagamenti effettwati. Is-Sindku fakkar kif b’dan il-proġett il-Kunsill Lokali bidel il-bankijiet tal-konkos u l-*picnic tables* ta’ matul ix-xtajta tax-Xlendi, kif ukoll il-*planters* ta’ Triq il-Kantra; filwaqt li l-NGOs imsieħba fil-proġett, is-Sezzjoni Żgħażagħ Pawlini Munxarin u Munxar Falcons FC, ser jimmodernizzaw is-sistemi tagħhom u jakkwistaw tagħmir sportiv.

20.5.2 Is-Sindku għarraf lill-membri li fil-jiem li ġejjin ser joħroġ l-avviż sabiex bħal kull sena jerġgħu jitniedu l-inizjattivi tas-servizz tal-vaċċin tal-influwenza kif ukoll tal-*keep fit classes* tal-anzjani u tal-adulti. Kien hemm qbil mill-membri preżenti.

**20.6 Aġġudikazzjoni sejħa għall-offerti:**
***The Removal and Planting of Palm Trees in an Environmentally Friendly Manner* – MXR/06/2025;**

20.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-offerti miftuħa nhar it-8 t'Awwissu 2025. Kien hemm offerta waħda:
ELZAN Construction Ltd - €8,400.00

20.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport tal-bord tal-evalwazzjoni. Il-bord irrakkomanda li din l-offerta tingħata lill-offerent *ELZAN Construction Ltd* li kien konformi mar-rekwiżiti mitluba u fil-parametri tal-istima ta' dan l-akkwist.

20.6.3 Il-membri tal-Kunsill preżenti laqgħu r-rakkommandazzjoni tal-bord u r-rapport ġie approvat.

20.6.4 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-Kunsill reġa' ottjena konferma mill-aġenzija *Project Green* li ser tiffinanzja dan il-proġett, bl-ammont tal-offerta sottomessa f'din is-sejħa.

**20.7 Approvazzjoni tal-*Quarterly Financial Report*:**
**Jannar 2025 – Settembru 2025 (It-tielet kwart);**

20.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport finanzjarju ta' kull kwart mill-1 ta' Jannar 2025 sat-30 ta' Settembru 2025 li ntbagħat wkoll għall-attenzjoni tal-membri permezz ta' *email*.
Ir-rapport finanzjarju tat-tielet kwart Jannar 2025 – Settembru 2025 ġie approvat unanimament mill-membri preżenti u ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**20.8 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;**

20.8.1 Applikazzjoni għall-permess ta' divertiment mill-Kunsill:
- Il-Mixegħla tal-Qaddisin fi Pjazza tal-Knisja, Il-Munxar – 1 ta' Novembru 2025;
- *Jump for life event* mill-Fondazzjoni Oasi fil-bajja tax-Xlendi – 28 ta' Diċembru 2025.

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni u approva l-permessi ġaladarba l-Kunsill jirċievi *no objection* tal-Pulizija u ta' Transport Malta fejn applikabbli.

20.8.2 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand *Circular Economy Malta* b'kuntratt propost sabiex huma jieħdu f'idejhom ir-responsabbiltajiet u l-operat tal-*Waste Depot* li jinsab fi Pjazza Anfori fix-Xlendi b'effett mill-15 ta' Jannar 2026. Dan il-kuntratt jiddikjara wkoll li *Circular Economy Malta* se jkunu qed jirrimborsaw id-differenza tal-ispejjeż minn dawk mogħtija inizjalment sa dawk li saru jew ser isiru sa din id-data. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan il-ftehim il-ġdid.

20.8.3 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Kunsill Reġjonali Għawdex dwar il-proġett b'kollaborazzjoni mas-Seminarju Minuri t'Għawdex, bl-isem "Għawdex Tikka Tikka: kull tikka storja, kull storja, Aħna". F'din il-korrispondenza ġiet identifikata l-ġurnata tal-ewwel żjara li se tkun nhar il-Ġimgħa 21 ta' Novembru 2025 bejn 10.30am u 12.30pm. Il-Kunsill innota l-kontenut u se jilqa' lill-istudenti hekk kif maqbul fil-laqgħa preċedenti.

20.8.4 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand HSBC Malta plc dwar it-tiġdid tal-kera tal-ATM fi Pjazza Anfori fix-Xlendi. HSBC Malta plc fil-korrispondenza tagħhom bagħtu proposta sabiex il-kirja, bl-istess rata preżenti ta' €4000 eskluż il-VAT annwalment bil-quddiem, tkun għal perjodu ta' tliet snin, li tista' tiġġedded għal perjodu ieħor ta' tliet snin, li jibdew mid-12 ta' Diċembru 2025. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan il-ftehim bil-kundizzjoni li tiżdied klawsola għall-għajnuna addizzjonali ta' €5000 ta' darba fi proġett għall-komunita'.

20.8.5 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand id-Direttur Ġenerali fi ħdan id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali dwar servizzi diġitali ġodda li mistennija jiġu implimentati fiż-żmien li ġej. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.8.6 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-kumpanija li qed tipprovdi s-sistema diġitali tal-permessi, dwar proċeduri ġodda ta' ħlas għal dan is-servizz. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega lill-membri li din is-sistema kienet qed tiġi ffinanzjata mid-Divizjoni għall-Gvern Lokali iżda issa l-fornitur tas-sistema se jibda jibgħat għall-ħlas mingħand il-Kunsilli direttament skont kemm dak il-Kunsill partikolari joħroġ numru ta' permessi fis-sena. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li f'korrispondenza mingħand id-Direttur Ġenerali, id-Diviżjoni għall-

Gvern Lokali ser tkun qed talloka l-fondi meħtieġa biex tkopri din l-ispiża addizzjonali għall-Kunsilli Lokali sabiex tiżgura li jkun hemm kontinwita' fis-servizz offrut lir-residenti. Kien hemm qbil mill-membri tal-Kunsill sabiex il-Kunsill jagħmel l-arranġamenti meħtieġa.

20.8.7 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand id-Direttur (Monitoraġġ u Sapport) fi ħdan id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali dwar titjib fl-infrastruttura tan-networks tal-Kunsilli Lokali u Reġjonali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.8.8 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-kumpanija BCRS b'aġġornament dwar il-magna tar-riċiklaġġ tal-fliexken fi Pjazza Anfori fix-Xlendi li mistennija tibda topera fil-ġimgħat li ġejjin. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.8.9 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-membri dwar is-sejħa tal-offerti MXR/07/2025 "SUPPLY, DELIVERY, AND INSTALLATION OF DECORATIVE STREET LIGHTING AT TRIQ IR-RUMANI AND TRIQ IL-KAVALIERI, XLENDI, MUNXAR, GĦAWDEX, IN AN ENVIRONMENTALLY FRIENDLY MANNER" li ġiet ippubblikata fl-10 t'Ottubru 2025 b'rabta mal-iskema SPI/SCI/02/2024- Finanzjament ta' Proġetti Kapitali - Komunitajiet aktar b'saħħithom u inklussivi. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-bord tal-evalwazzjoni jkun magħmul mill-Inġinier Mario Cauchi, l-Inġinier Jeffrey Muscat u l-Accountant Daniel Galea bħala evalwaturi filwaqt li s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv bħala *chairman* u segretarju tal-bord rispettivament.

20.8.10 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-*Malta Community Chest Fund* dwar l-attivita' annwali tal-"Mixja tal-President" li din is-sena ser issir nhar it-30 ta' Novembru 2025. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.8.11 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali kif ukoll mill-Uffiċċju tal-Awditur Nazzjonali b'konferma li rċevew ir-risposta tal-Kunsill rigward l-Ittra ta' Direzzjoni mibgħuta mill-Awdituri. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.8.12 Ċirkulari DG LGD 04/2025 – Fondi għal Taħriġ ta' Uffiċċjali u Membri Eletti fil-qasam tal-Gvern Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.8.13 PQ 30794 – Kunsilli Lokali : Ġbir ta' Skart – Ilmenti. Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba tiegħu.

20.8.14 PQ 31393 – Kunsilli Lokali : Ġonna. Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba tiegħu.

20.8.15 PQ 31382 – Kunsilli Lokali : Cat feeders – Sussidji. Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba tiegħu.

20.8.16 PQ 31365 – Kunsilli Lokali : Proġetti. Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba tiegħu.

20.8.17 Ċirkulari Nru AKL 2025/054 – Proġett SOuSeEU / Taħriġ fuq l-ELoGE : 1 sa 3 t'Ottubru 2025. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.8.18 Ċirkulari Nru AKL 2025/055 – Commemorating World Mental Health Day – 10th October 2025 – Lighting Up Public Buildings in Green. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.8.20 Ċirkulari Nru AKL 2025/056 Invitation to EduVoices Conference 2025. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.8.21 Ċirkulari Nru AKL 2025/057 – Vacancy Local Councils' Association : Part-Time Clerical Employee Scale 15. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.8.22 Ċirkulari Nru AKL 2025/059 – Join the European Climate Pact – Call for Ambassadors and Partners open. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.8.23 Ċirkulari Nru AKL 2025/060 – EkoSkola – Green Flag Award Ceremony: Celebrating Sustainable Milestones 07/11/2025. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.8.24 Ċirkulari Nru AKL 2025/061 – CEMR LAB Project – Avveniment ta' Jumejn dwar id-Djalogu Soċjali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.8.25 Ċirkulari Nru AKL 2025/062 – Stedina għall-Konferenza dwar il-Politika ta' Koeżjoni tal-UE f'Malta. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.8.26 Ċirkulari Nru AKL 2025/063 – Christmas Get Together Gala Night 19/12/2025. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.8.27 Ċirkulari Nru AKL 2025/064 – Invitation: International Colloquium on the Right of Children to Participate (Malta, 19-21 Nov 2025). Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.8.28 Ċirkulari Nru AKL 2025/065 – Skema ta' Fondi – Inizjattivi ta' Mobilita' Attiva u Sostenibbli. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.8.29 Ilment 63/2025
Resident jitlob sabiex issir il-parti l-ġdida fuq in-naħa ta' ġewwa ta' Triq il-Kavallieri fix-Xlendi minħabba problema tal-ilma tax-xita issa li din il-parti nfetħet u nbnew ir-residenzi ġodda. Kien hemm qbil mill-membri sabiex tintbagħat tfakkira lill-Ministeru Għal Għawdex u L-Ippjanar dwar it-talba li kienet saret biex issir laqgħa fir-rigward ta' toroq ġodda fil-lokalita'.

20.8.30 Ilment 64/2025
Resident jitlob sabiex isir *storm water culvert* quddiem il-binja tiegħu minħabba problema tal-ilma tax-xita. Wara diskussjoni bejn il-membri ġie nnutat li din il-binja tinsab faċċata ta' Triq Luvier u preżentament m'hemmx soluzzjonijiet fejn wieħed jista' jmur b'dan l-ilma tax-xita jekk isir l-*istorm water culvert* mitlub.

20.8.31 Ilment 65/2025
Persuna li tifrekwenta Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina fil-Munxar titlob sabiex issir manutenzjoni fuq ir-*railings* tal-entraturi ta' dan il-ġnien. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

20.8.32 Ilment 66/2025
Residenta fi Triq Rumani fix-Xlendi titlob sabiex il-bozza tat-triq li qiegħda nstallata mal-faċċata tagħha titmexxa ma' arblu fil-viċin li ġie nstallat riċentament. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

30.8.33 Ilment 67/2025
Residenta fi Triq Żirżieb fix-Xlendi titlob sabiex issir il-parti l-ġdida fuq in-naħa ta' ġewwa ta' Triq Żirżieb fix-Xlendi minħabba problema ta' aċċessibilta' għall-proprjeta' tagħha kull meta tagħmel ix-xita issa li din il-parti nfetħet u nbnew ir-residenzi ġodda. Kien hemm qbil mill-membri sabiex tintbagħat tfakkira lill-Ministeru Għal Għawdex u L-Ippjanar dwar it-talba li kienet saret biex issir laqgħa fir-rigward ta' toroq ġodda fil-lokalita'.

20.8.34 Ilment 68/2025
Resident jitlob sabiex issir il-bankina quddiem ir-residenza l-ġdida tiegħu fi Triq Sant'Anjeże fil-Munxar. Kien hemm qbil mill-membri sabiex tiġi sottomessa applikazzjoni fis-sistema tal-Ministeru Għal Għawdex u L-Ippjanar.

20.8.35 Ilment 69/2025
Resident jitlob sabiex issir manutenzjoni fuq il-bankina tar-residenza tiegħu fi Triq Għar ta' Karolina fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

## 20.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;

20.9.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 20/2025-9 għall-perjodu bejn il-25 ta' Settembru 2025 u t-22 t'Ottubru 2025 li tammonta għal €51,036.90 ġiet approvata u ffirmata. Il-Kunsillier John Cassar kien il-proponent filwaqt li l-Kunsillier John Farrugia s-sekondant.

## 20.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

20.10.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.45 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għat-Tnejn 24 ta' Novembru 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, it-Tnejn 24 ta' Novembru 2025.

IFFIRMATA
Damien Spiteri
Sindku

IFFIRMATA
Ryan Debrincat
Segretarju Eżekuttiv